**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Malta)**
**(Sede Kostituzzjonali)**

**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Numru 104/2024DC**

***Daniel-Joe Meli***

***(K.I. numru 267796M)***

***vs***

***L-Avukat ta' l-Istat, u***
***L-Avukat Ġenerali***

**Illum, il-25 ta' Lulju, 2024**

**Il- Qorti**

Rat **ir-rikors tal-attur** ippreżentat fl-4 ta' Marzu, 2024 permezz ta' liema ppremetta:-

A. *Il-fatti li minnhom irriżulta l-ilment*

1. *In segwitu għal investigazzjoni magħmula mil-FBI in konnessjoni ma' allegat aġir illegali in konnessjoni ma' servizzi illegali fid-dinja tal-informatika fil-perjodu bejn Diċembru 2021 u Ġunju 2022, l-esponenti ġie identifikat bħala persuna waħda fost oħrajn li aġġixxiet b'tali mod kif ġie hekk allegat fil-konfront tiegħu.*

2. *Bis-saħħa ta' deċiżjoni datata 12 ta' Diċembru 2023, inħareġ att ta' akkuża kontra l-esponenti mil-Grand Jury tal-Qorti Distrettwali tad-Distrett tat-Tramuntana tal- Georgia, Stati Uniti tal-Amerika.*

3. *Nhar it-22 ta' Jannar 2024 ġiet mibgħuta Note Verbal mill-Ambaxxata tal-Istati Uniti tal-Amerika ġewwa Malta, lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ta' Malta, li a bażi tal-istess intalab l-arrest u l-estradizzjoni tal-appellant.*

4. *Sussegwentement, nhar il-5 ta' Frar 2024 il-Ministru tal-Ġustizzja ħareġ l-Awtorità għall-proċediment kontra l-appellant a tenur tal-artikolu 13 tal-Kap. 276 tal-Liġijiet ta' Malta. Fl-istess jum imsemmi, l-Avukat Ġenerali, informa lil Kummissarju tal-Pulizija bl-ordni tal-Ministru tal-Ġustizzja.*

5. *Kontra l-esponenti nħarġu żewġ mandati ta' arrest lokali:*

   *[1] datat 30 ta' Jannar 2024 mil-Maġistrat Frendo Dimech ai fini ta' investigazzjoni lokali dwar użu mhux kif dovut tal-computer; u*

   *[2] datat 6 ta' Frar 2024 mil-Maġistrat Azzopardi ai fini tat-talba għat-treġġiegħ lura tal-esponenti in konnessjoni mat-talba magħmula mil-awtoritajiet tal-Istati Unti ta' l-Amerika.*

6. *In segwitu għat-tieni mandat ta' arrest, l-esponenti ġie arrestat nhar is-7 ta' Frar 2024 u eventwalment miġjub quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti.*

7. *Konsegwentement, nhar it-8 ta' Frar 2024, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti, in segwitu għat-talba ta' estradizzjoni magħmula mill-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Uniti tal-Amerika, ordnat it-treġġiegħ lura tal-esponenti lejn l-Istati Uniti tal-Amerika.*

8. *L-esponent ħass ruħu aggravat minn dik is-sentenza u għalhekk intavola appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar 2024 (appell numru 117/2024/1) fejn fiha talab ir-revoka tal-ordni ta' estradizzjoni tal-Qorti Rimandanti.*

9. *Permezz ta' sentenza datata 27 ta' Frar 2024, il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet l-appell tiegħu u kkonfermat l-ordni ta' estradizzjoni tal-Qorti Rimandanti u b'hekk inter alia bagħtitu taħt kustodja għall-fini tat-treġġigħ lura tiegħu lejn l-Istati Uniti tal-Amerika.*

10. *Għalhekk, qiegħed jiġi ppreżentat dan ir-rikors promotur mill-esponent sabiex jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tidħol fil-mertu tal-*

*ilmenti kostituzzjonali li ser jiġu mqajma mill-esponent f'dan ir-rikors.*

<u>B.Il-lanjanza tal-esponenti</u>

11. *Fir-rikors ta' appell tiegħu, l-esponent irrileva li huwa għandu storja medika twila u serja ta' problemi ta' saħħa mentali u li dan kollu huwa ddokumentat, inkluż il-mediċini legali li huwa jieħu biex jikkombatti din is-sitwazzjoni u l-ammont ta' admissions tiegħu ġewwa l-isptarijiet ta' Mater Dei u Monte Carmeli in konnessjoni mal-problemi psikjatriċi tiegħu.*

12. *L-esponent kien issottometta li tenut kont ta' dan kollu, kien obbligu tal-Qorti Rimandanti li tistħarreġ il-qagħda mentali tiegħu qabel ma taċċetta d-dikjarazzjoni volontarja tiegħu fejn huwa ta l-kunsens tiegħu biex jiġi estradit, partikolarment li huwa kien qiegħed tajjeb jifhem dak kollu li huwa kien qiegħed jiġi akkużat bih fit-talba għal treġġija u l-pieni karċerarji li setgħu jiġu mposti fuqu. Dan huwa aħjar spjegat fir-rikors innifsu, fejn inter alia ċaħad li l-ammissjoni tiegħu kienet waħda totalment volontarja kif trid il-liġi għar-raġunijiet hemmhekk imsemmija, fosthom għax ma kienx ħa l-medikazzjoni tiegħu u għalhekk ma kienx fil-qagħda mentali li jagħti l-kunsens veru u proprju li trid il-liġi.*

13. *Fit-trattazzjoni tal-appell nhar it-22 ta' Frar 2024, kif jemerġi mit-transcript tal-istess, id-difensur tal-esponent (differenti minn dak quddiem il-Qorti Rimandanti) talab lill-Qorti tal-Appell Kriminali li f'dan l-istadju taċċetta li jitressqu l-provi meħtieġa quddiemha sabiex l-appell ikun jista' jiġi sewwa deċiż, a tenur tal-artikolu 22(3) tal-Kap. 276. Il-Qorti ġiet mistiedna li "tisma' l-provi li a bażi tagħhom aħna qegħdin nikkontendu illi l-volontarjetà hija msejsa fuq żball, jew ħa nimxu minn eżerċizzju kartaċju?".*

14. *L-Avukat Ġenerali wkoll qabel ma' dan, u filfatt bl-akbar responsabbiltà tenna illi:*

*"L-avukat semma l-kwistjoni ta' sahha mentali, din m'inix qed nohodha lightly at all jigifieri imma jiena bhala rapprezentant ghall-ufficju tal-avukat generali huwa proprju fl-interess tieghi illi nipprotegi d-drittijiet tal-appellant, u mhux l-oppost, u allura qatt ma nista' naccetta certi allegazzjonijiet illi qed isiru mill-appellant stess jekk m'inix ha nara b'ghajnejja [provi] konkreti at this stage.*

*Nistieden lill-appellant jekk huwa minnu li qed ibaghti minn kwistjoni ta' sahha mentali, igib il-provi.Din hija ligi specjali l-kap 276 hija ligi specjali, u taht l-artikolu twenty twenty two, sub inciz tlieta, hija dik il-provision taghtina l-fakulta' illi nipproduca evidenza gdida effettivament, jekk nikkomparaw mal-procedura normali fl-appell din hija procedura specifika u differenti milli naraw minn tal-appell.*
*Jigifieri nistieden lill-appellant igib il-provi biex naraw x'hemm u ma hemmx umbaghad nistghu forsi naraw ftit id-dettall forsi x'nistghu naghmlu."*

15. *Madanakollu, kif jirriżulta mill-verbal tas-seduta, il-Qorti tal-Appell Kriminali ħaslet idejha mid-dmirijiet tagħha u t-talbiet tal-partijiet, minkejja dispożizzjoni ċarissima tal-liġi, u dehrilha "li għandha tibbaża l-eventwali deċiżjoni tagħha fuq dak li jirriżulta mill-atti proċesswali stante illi hija Qorti tal-Appell u mhux Qorti Rimandanti", u b'hekk l-appell tħalla għas-sentenza.*

16. *Fil-fatt, l-artikolu 22(3) tal-Kap. 276 jipprovi ċarament illi jistgħu, quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, jinġiebu provi li "ma jkunux inġiebu quddiem il-Qorti Rimandanti". Il-Qorti tal-Appell Kriminali, b'differenza għal proċeduri strettament kriminali, hija mogħnija b'din il-fakultà sabiex tiżgura li fil-proċess ta' treġġigħ lura ma jaħrab xejn. Dan proprju sabiex jiġi żgurat ir-rispett sħiħ lejn id-drittijiet tal-individwu li qed jaffaċċja l-estradizzjoni, li hija ħaġa serja ħafna għall-individwu.*

17. *Mhux talli l-Qorti għażlet li tabdika minn din ir-responsabbiltà u tikkonduċi eżerċizzju merament kartaċju, iżda nħbiet wara l-prinċipju ribadit f'proċeduri kriminali normali li bħala qorti ta' reviżjoni m'għandiex tiddisturba l-konklużjonijiet tal-Qorti tal-ewwel istanza minkejja dispożizzjoni ċara li tgħid bil-kontra. Dan bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponent.*

18. *Sopra corna bastonate, fis-sentenza tagħha l-Qorti rriproduċiet estratt mis-sentenza Il-Pulizija vs Ronald Agius mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-23 ta' Lulju 2001 (numru 109/2001) fejn dik il-qorti qalet li proċeduri ta' estradizzjoni huma ta' natura sui generis – meta f'dik is-sentenza l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet proprju qalet li tista' tinġieb prova quddiemha f'proċeduri ta' estradizzjoni! Il-Qorti fis-sentenza ċitata qalet hekk:*

*"Din id-disposizzjoni, [artikolu 22(3) tal-Kap. 276] fil-fehma tal-Qorti, ma taghti lok ghal ebda interpretazzjoni; hi disposizzjoni*

*cara, u ma taghmel ebda distinzjoni bejn jekk il-parti li tkun trid tipproduci dawk il-provi kienitx taf jew ma tafx b'dawk il-provi meta l-proceduri kienu ghadhom quddiem il-qorti rimandanti, jew jekk setghet jew ma setghetx iggibhom quddiem dik il-qorti."*

19. *Għalhekk kienet totalment żbaljata l-Qorti tal-Appell Kriminali meta fis-sentenza tagħha fil-każ tal-esponent qalet li :*

*"Minkejja dan, din il-Qorti ma tistax tifhem kif huwa propjru issa fi grad ta' appell li l-appellant qed jinforma lill-Qorti li huwa għandu problemi ta' saħħa mentali u li jieħu mediċini minħabba tali mard mentali u li kellu diversi admissions kemm ġewwa l-Isptar Mater Dei u kif ukoll l-Isptar Monte Carmeli. Xejn minn dan ma jirriżulta li ngħad quddiem l-Ewwel Qorti. Jekk l-appellant ma qal xejn minn dan lill-Ewwel Qorti ma jistax jippretendi li l-Ewwel Qorti setgħet kienet taf b'dawn l-affarijiet kollha li huwa semma."*

20. *Kien proprju għalhekk li kien jinkombi fuq il-Qorti tal-Appell Kriminali li tisma' l-provi li ż-żewġ partijiet qablu li kellhom jitressqu u mhux tgħaddi għal eżerċizzju kartaċju u formali li l-eżitu tiegħu kien fait accompli – żgur il-Qorti ma kinitx se tagħmel xi trovata ġdida billi taqra l-atti proċesswali biss. Inkella għalfejn kellu l-leġiżlatur idaħħal dispożizzjoni bħal dik, li hija ferm differenti mid-dispożizzjonijiet relevanti li jirregolaw il-provi fl-appell f'proċeduri normali?*

21. *B'hekk, il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet lill-esponent milli jġib prova permessa mil-liġi u dan bi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu.*

22. *L-esponent, fil-kuntest ta' dak suespost, jissottometti li hija ġurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin u tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem li dak kollu li jiġri qabel it-trial proprju li huwa proċeduralment inġust għall-partijiet, jew addiritura illegali, jaqa' fil-parametri tad-dritt għal smigħ xieraq.*

23. *L-esponent għalhekk, fid-dawl ta' dak kollu premess, jikkontendi illi l-proċeduri ta' estradizzjoni kontrih kienu s-suġġett ta' varji nuqqasijiet u żbalji li vvizzjaw il-proċedura u llidewlu d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq b'mod irreparabbli tali li jekk jitħalla jitreġġa' lura lejn l-Istati Uniti tal-Amerika huwa se jkun soffra inġustizzja severissima hawn Malta li se tippreġudika s-smigħ eventwali tal-każ tiegħu fl-Amerika.*

U wara li hekk ippremetta l-attur talab lil din il-Qorti:-

1. *Tiddikjara li bil-fatti hawn esposti ġew vjolati d-drittijiet fundamentali tal-esponenti għal smigħ xieraq kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

2. *Tiddikjara li nil-fatti hawn esposti ġew vjolati d-drittijiet fundamentali tal-esponenti għal smigħ xieraq kif sanċiti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewpropea fuq id-Drittijiet tal-Bniedem kif inkorporata fil-liġi Maltija permezz tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Tiddikjara li l-artikolu 15(5) tal-Kap 276 tal-Liġijiet ta Malta tivvjola d-drittijiet fundamentali tal-esponenti għal smigħ xieraq kif sanċiti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea fuq id-Drittijiet tal-Bniedem kif inkorporata fil-Liġi Maltija permezz tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta'Malta;*[1]

4. *Tiddikjara li huma nulli u bla effett iż-żewġ sentenzi mogħtija kontra r-rikorrenti, u cioè dik tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti (ossia Ordni) nhar it-8 ta Frar 2024 u dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar is-27 ta' Frar 2024 u tagħti kull provvediment, ordni, jew direttiva meqjusa neċessarja sabiex ir-rikorrent jitpoġġa fl-istatus quo ante tal-imsemmija vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali tiegħu; u*

5. *Ulterjorment, tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti, u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq, tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti.*

   *Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma minn issa inġunti in subizzjoni.*

Rat **ir-risposta tal-konvenuti l-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali** ppreżentata fit-13 ta' Marzu, 2024 permezz ta' liema eċċepixxew:-

> *Permezz ta' dawn il-proċeduri kostituzzjonali, ir-rikorrent qiegħed jallega li hu sofra minn ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem minħabba nuqqasijiet li allegatament seħħew fil-mori tal-proċeduri ta' estradizzjoni fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Daniel-Joe Meli.*

---

[1] Din it-talba ġiet miżjuda fuq awtoriżżazzjoni tal-Qorti b'degriet mgħoti fil-25 ta' Marzu 2024 (fol 23).

*It-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom. Qabel ma jingħataw l-eċċezzjonijiet sejjer isir aċċenn għall-fatti pertinenti sabiex dina l-Onorabbli Qorti jkollha l-isfond kollu quddiemha.*

*<u>L-Isfond Fattwali</u>*

*Fit-8 ta' Frar, 2024, ir-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti in vista ta' talba magħmula mill-awtoritajiet tal-Istati Uniti fejn intalbet l-estradizzjoni tiegħu.*

*Waqt il-preżentata, l-uffiċċjali prosekuturi infurmaw lill-Qorti tal-Maġistrati li r-rikorrent kien arrestat proprju dakinhar stess u ngħata d-drittijiet kollha tiegħu, inkluż li jikkonsulta mal-avukat tiegħu. Din il-materja ġiet ivverbalizzata min-naħa tal-Prosekuzzjoni u l-imputat, debitament assistit mill-avukat di fiducia tiegħu, qabel ma' dak kollu mistqarr mill-Prosekuzzjoni.*

*F'dik is-seduta, ġie verbalizzat ukoll li r-rikorrent kien fehem ir-raġunijiet tal-mandati ta' arrest u tfittxija li nħarġu kontrih u kkonferma l-identità tiegħu. Mistoqsi dwar jekk kienx qiegħed jaqbel mal-estradizzjoni tiegħu, ir-rikorrent – debitament rappreżentat – ta l-kunsens volontarju tiegħu, b'dan li invoka ir-rule of speciality, ossia li hu kellu jkun proċessat biss fl-Istati Uniti għal dawk ir-reati indikati fit-talba għall-estradizzjoni. Wara din l-aċċettazzjoni, il-Prosekuzzjoni kkonfermat li r-rikorrent ma kellu ebda proċeduri penali pendenti f'Malta.*

*Rinfaċċata b'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti tal-Maġistrati ġustament għaddiet billi ordnat l-estradizzjoni tar-rikorrent lejn l-Istati Uniti.*

*Minkejja d-dispożizzjoni ċarissima fl-Artikolu 15(5) tal-Kap. 276 tal-Liġijiet ta' Malta li tipprojbixxi appell wara aċċettazzjoni mill-persuna arrestata, ir-rikorrent xorta waħda appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, permezz ta' rikors ta' appell datat 14 ta' Frar, 2024.*

*Fl-appell tiegħu, ir-rikorrent ressaq numru ta' aggravji, bl-aggravju prinċipali jkun li hu jbagħti minn diversi kwistjonijiet li jimpinġu fuq is-saħħa mentali tiegħu u għalhekk l-aċċettazzjoni tiegħu ma kienitx waħda volontarja, apparti li allega li l-Qorti tal-Maġistrati naqset milli tagħmel dawk il-verifiki neċessarji sabiex tiżgura l-volontarjetà tad-dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni.*

*Permezz ta' sentenza mogħtija nhar is-27 ta' Frar, 2024, il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet l-appell tar-rikorrent u kkonfermat is-sentenza appellata.*

*Fl-4 ta' Marzu, 2024, ir-rikorrent fetaħ dawn il-proċeduri kostituzzjonali.*

L-Eċċezzjonijiet

1. *Preliminarjament, l-esponenti Avukat Ġenerali ma hijiex il-leġittimu kontradittur ta' din l-azzjoni u għalhekk għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.*

2. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jeċċepixxu n-nuqqas ta' applikabilità tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u dan peress li huwa paċifiku li f'proċeduri ta' estradizzjoni ma tiġix determinata akkuża kriminali u lanqas ma jiġu determinati d-drittijiet jew obbligi tal-istess persuna. Billi t-talbiet kollha tar-rikorrent huma msejsa fuq is-sejbien ta' ksur ta' dawn iż-żewġ artikoli, isegwi li t-talbiet kollha tar-rikorrent ma jistgħux jintlaqgħu.*

3. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fil-mertu, jibda billi jingħad li huwa paċifiku li l-irwol ta' din l-Onorabbli Qorti mhuwiex li sservi bħala qorti tat-tielet istanza. Dan jingħad għaliex fundamentalment, il-lanjanza mressqa mir-rikorrent hi sostanzjalment identika għall-aggravju magħmul fl-appell tiegħu li l-kunsens tiegħu kien ivvizzjat minn allegati kwistjonijiet ta' saħħa mentali u li l-volontarjetà tal-aċċettazzjoni tar-rikorrent qatt ma ġiet mistħarġa sew.*

4. *Fit-tieni nett, meta wieħed iqis l-assjem taċ-ċirkostanzi tal-każ huwa evidenti li r-rikorrent ma bagħta minn ebda ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq.*

   *In prim'istanza, il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tmexxew korrettement u l-konklużjoni tal-istess Qorti fis-sentenza waħda kienet waħda raġonevoli u loġika.*

   *Ir-rikorrent kien debitament assistit minn avukat tal-għażla tiegħu; avukat li l-esponenti ma jistgħux ma jirrimarkawx li huwa magħruf bħala wieħed mill-aħjar penalisti prattikanti f'pajjiżna. Waqt il-preżentata, ma kien hemm ebda raġuni biex wieħed jiddubita mil-luċidità tar-rikorrent u fl-ebda mument tal-preżentata ma tqajjmet da parti tar-rikorrent xi kwistjoni dwar dan. Ġie spjegat kif hu fehem*

*in-natura tal-proċeduri li kienu istitwiti kontrih u li ġie mfiehem id-drittijiet tiegħu, tant li eżerċita l-jedd tiegħu li jikkonsulta ma' avukat, apparti li kkonferma l-identità tiegħu. Debitament assistit, ir-rikorrent mhux talli qabel mad-dikjarazzjonijiet tal-Prosekuzzjoni iżda talli ta l-kunsens tiegħu biex jiġi estradit, bir-riżerva tar-rule of speciality li hu xtaq jagħmel.*

*Il-Qorti tal-Maġistrati għalhekk ġustament ikkonkludiet li r-rekwiżiti kollha sabiex l-estradizzjoni titwettaq kienu ġew sodisfatti. Ma kien hemm ebda raġuni biex hi tiddubita mill-volontarjetà tal-aċċettazzjoni tar-rikorrent.*

*Fl-appell tiegħu iżda, ir-rikorrent f'daqqa waħda beda jallega li l-kunsens tiegħu kien ivvizzjat minħabba allegati kwistjonijiet ta' saħħa mentali u li l-Qorti tal-Maġistrati messha ndagat f'din il-materja minkejja li quddiemha ma kienx hemm l-iċken ħjiel ta' dawn il-kwistjonijiet.*

*Ir-rikorrent ma għamel xejn biex jissostanzja l-allegazzjonijiet tiegħu. Ir-rikors ta' appell sempliċiment jirreferi għal retroxxena ta' allegati kwistjonijiet ta' saħħa mentali u spekulazzjoni dwar x'effetti seta' kien hemm bit-teħid, jew in-nuqqas ta' teħid, ta' mediċini jew sustanzi mhux identifikati.*

*Lil hinn minn dak miktub fir-rikors ta' appell, ir-rikorrent effettivament ma għamel xejn biex din l-affari tiġi mistħarġa. Meta l-appell issejjaħ għall-ewwel darba, l-appell mill-ewwel ġie trattat. B'sens ta' kawtela kbira, l-avukat tal-Avukat Ġenerali ma opponiex għal dak mistqarr waqt it-trattazzjoni tad-difensur tar-rikorrent li forsi jkun opportun li jinġiebu xi provi dwar il-qagħda mentali tar-rikorrent.*

*Madankollu iżda, ma saret ebda talba formali min-naħa tar-rikorrent biex b'xi mod jew ieħor jinġiebu provi li jistgħu jissustanzjaw dak li kien qiegħed jgħid, wisq anqas ir-rikorrent ġie miċħud milli jġib provi.*

*Fi kwalunkwe każ, il-Qorti tal-Appell Kriminali ma kienitx marbuta b'dak timidament suġġerit fit-trattazzjoni, u għalhekk għaddiet għas-sentenza tagħha. In kwantu għall-aggravji relatati mal-volontarjetà u fuq l-obbligi tal-Qorti tal-Maġistrati, il-Qorti tal-Appell Kriminali ġustament osservat li r-rikorrent ma kkontesta xejn quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, anzi talli aċċetta li hu kellu jiġi*

*estradit, u għalhekk is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati kienet waħda ġusta.*

*Lil hinn mill-kwistjoni li l-jedd għal smigħ xieraq mhuwiex applikabbli f'proċeduri ta' estradizzjoni, il-garanziji kollha tad-dritt għal smigħ xieraq ġew imħarsa: il-każ tar-rikorrent instema' fi żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi b'ħarsien tal-elementi kollha li jiżguraw proċess ġust.*

5. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fi kwalunkwe każ, il-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

6. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat **ir-risposta ulterjuri tal-konvenuti l-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali** ppreżentata fit-2 ta' April, 2024[2] permezz ta' liema eċċepixxew ulterjorment:

1. *In kwantu għall-allegazzjoni li l-Artikolu 15(5) tal-Kap. 276 tal-Liġijiet ta' Malta huwa leżiv tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jirreferu għal dak diġà eċċepit minnhom li l-jedd għal smigħ xieraq mhuwiex estiż għal proċeduri ta' estradizzjoni u għaldaqstant, l-artikolu in kwistjoni ma jistax jiġi impunjat abbażi ta' dan il-jedd fundamentali.*

2. *Mingħajr preġudizzju għall-premess, il-jedd għal smigħ xieraq, kemm taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni kif ukoll taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, ma jiggarantixxix jedd ta' appell iżda jrid jiżgura biss li jkun hemm proċess ġust. Jedd ta' appell huwa garantit biss taħt l-Artikolu 2 tas-Seba' Protokoll għal materji kriminali, u proċeduri ta' estradizzjoni ma jaqgħux taħt din il-kategorija. Għaldaqstant, anke minn dan l-aspett, it-talba tar-rikorrent ma tistax tiġi akkolta.*

3. *Mingħajr preġudizzju għall-premess, u fi kwalunkwe każ, jiġi eċċepit in-nuqqas ta' interess ġuridiku / victim status tar-rikorrent. Dan jingħad għaliex minkejja l-fatt li l-Artikolu 15(5) tal-Kap. 276 jippreklludi li jsir appell meta persuna volontarjament tiddikjara li trid titreġġa' lura bħal ma ġara fil-każ odjern, ir-rikorrent xorta waħda għażel li jinterponi appell mis-sentenza mogħtija mill-Qorti*

[2] Dan fuq awtoriżżazzjoni tal-Qorti, fl-istess degriet mgħoti fil-25 ta' Marzu 2024, wara li laqgħet it-talba tal-attur biex iżied lanjanza fir-rikors promotur.

*tal-Maġistrati bħala Qorti Rimandanti. Apparti minn hekk, minkejja n-natura inekwivoka ta' tali dispożizzjoni, il-Qorti tal-Appell Kriminali semgħet l-appell u tat sentenza fuq l-aggravji kollha mressqa mir-rikorrent, inkluż dawk fejn kien qiegħed jimpunja s-sentenza appellata fuq punti proċedurali li ma kellhomx x'jaqsmu mal-vertenza rigwardanti l-volontarjetà tal-aċċettazzjoni tiegħu. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15(5) tal-Kap. 276 fil-verità, meta wieħed jeżamina s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, jirriżulta li ma ġewx applikati fil-konfront tar-rikorrent, u għaldaqstant id-dibattitu propost mir-rikorrent b'din it-talba huwa wieħed purament akkademiku.*

Semgħet il-provi u s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

**PRELIMINARI**

Illi l-Gvern ta'l-Istati Uniti ta'l-Amerika għamel talba biex l-attur jitreġġa lura lejn l-Istati Uniti peress li kien imfittex mill-awtoritajiet ġudizzjarji ta' dak il-pajjiż fuq diversi reati. Wara din it-talba u skond dak predispost fl-Att dwar l-Estradizzjoni (il-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta) fil-konfront ta' l-attur inħareġ u ġie esegwiet mandat t'arrest. In segwietu l-attur tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti[3]. L-attur ta l-kunsens tiegħu għall-estradizzjoni tiegħu u dak in-nhar stess il-Qorti Rimandanti ordnat it-treġġija lura tiegħu lejn l-Istati Uniti ta'l-Amerika. L-attur appella minn din is-sentenza; u b'sentenza mgħotija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali[4] fis-27 ta' Frar 2024 ġiet konfermata s-sentenza mgħotija mill-Qorti Rimandanti.

Illi l-attur permezz tal-proċeduri odjerni jikkontendi li dawn il-fatti, kif ukoll l-artikolu 15(5) tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta[5], kisru d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta[6] u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet Fundamentali tal-Bniedem[7]. Għalhekk qed jitlob li s-sentenzi mgħotija mill-Qorti Rimandanti u mill-Qorti ta'l-Appell jiġu dikjarati nulli u konsegwentement tpoġġi lill-attur f'l-i*status quo ante* l-imsemmija allegata vjolazzjoni.

[3] F'din is-sentenza imsejħa "il-Qorti Rimandanti".
[4] F'din is-sentenza imsejħa "il-Qorti ta' l-Appell".
[5] F'din is-sentenza imsejjaħ "il-Kap 276".
[6] F'din is-sentenza imsejħa 'il-Kostituzzjoni".
[7] F'din is-sentenza imsejħa "il-Konvenzjoni".

# IL-PROVI

Illi fil-proċeduri odjerni tressqu diversi xhieda, l-biċċa l-kbira tagħhom tobba jew professjonisti mediċi oħra, u ġew preżentati ukoll diversi dokumenti fosthom l-atti tal-estradizzjoni u l-files mediċi tal-attur miżmuma f'l-isptar Mater Dei u f'l-isptar Monte Carmeli[8].

Illi mill-atti tal-proċess ***Il-Pulizija vs Daniel-Joe Meli*** (117/2024)[9] jirriżultaw is-segwenti fatti:

- L-attur kien imfittex mill-awtoritatjiet tal-Istati Uniti ta'l-Amerika ai fini ta' prosekuzzjoni dwar reati ta' assoċjazzjoni u reati ta' użu mhux kif dovut ta' kompjuter, għalhekk saret talba għall-estradizzjoni tiegħu mill-Gvern ta'l-Istati Uniti tal-Amerika.
- Ai fini ta' din it-talba, u fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti Maltin, fis-6 ta' Frar 2024 inħareġ mandat ta' arrest mill-Maġistrat Dr Kevan Azzopardi.
- L-attur ġie arrestat nhar it-8 ta' Frar 2024 waqt li kien qiegħed fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, ġew spjegati lilu ir-raġuni għalfejn ġie arrestat u x'kienu d-drittijiet tiegħu u ngħatawlu kopja tal-mandat ta' arrest u dokument li jelenka d-drittijiet tiegħu.
- L-attur ipprevalixxa ruħhu mid-dritt li jikkonsulta ma' avukat u fil-fatt ikkonsulta mal-Avukat Dr Joseph Giglio; il-konsultazzjoni saret telefonikament.
- Dak in-nhar stess ta'l-arrest tiegħu, u ċioe fit-8 ta' Frar 2024, l-attur tressaq quddiem il-Qorti Rimandanti fejn kien assistiet minn Dr Giglio.
- F'l-idjenza miżmuma dak in-nhar stess, u ċioe fit-8 ta' Frar 2024:
    - ► L-attur, kif assistiet, ikkonferma li kienu ġew spjegati lilu r-raġuni ta'l-arrest u x'kienu d-drittijiet tiegħu, u kkonferma ukoll li ngħata kopja tal-mandat ta arrest u tal-lista ta' drittijiet.
    - ► Sar l-eżami ta'l-attur ai fini ta' identifikazzjoni u jidher li l-Qorti kienet sodisfatta li l-persuna li tressqet quddiemha kienet il-persuna li fil-konfront tagħha saret it-talba għall-estradizzjoni.
    - ► L-attur ingħata l-informazzjoni neċessarja dwar il-kunsens u l-istess attur ta l-kunsens tiegħu għall-estradizzjoni u invoka r-*rule of speciality*.
    - ► Il-Qorti, sodisfatta li d-dikjarazzjoni ta' l-attur li huwa kien qed jagħti l-kunsens għall-estradizzjoni saret b'mod volontarju, u wara li rat li ġew sodisfatti d-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Kap 276 u tal-Liġi sussisdjarja relattiva, laqgħet it-talba għat-treġġiegħ lura ta'l-attur lejn l-Istati Uniti ta'l-Amerika u ordnat li jinżamm taħt kustodja pendenti l-estradizzjoni tiegħu.

---

[8] Dr Joseph Saliba u Oswald Balzan preżentaw kopja ta' records tal-attur miżmuma fl-isptar Monte Carmeli (Dok JS1: Vol I fol 132 u Dok OB1: Vol II fol 178) fil-waqt li Dr Ingrid Zammit Young preżentat kopja tal-file mediku tal-attur miżmum fl-isptar Mater Dei.

[9] L-atti relattivi għall-prezentata taħt arrest ta'l-attur quddiem il-Qorti Rimandanti ai fini ta' estradizzjoni.

► Il-Qorti infurmat lill-attur ukoll bid-dritt tiegħu skond, l-artikolu 10(1) u (2) tal-Kap 276, li jekk jidhirlu li xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni ġiet jew x'aktarx li ser tiġi miksura hekk li tkun ġustifikata r-revoka, l-annulament jew il-modifika tal-Ordni ta' kustodja huwa għandu jedd jitlob rimedju skond id-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni.

- F'l-14 ta' Frar 2024 l-attur preżenta rikors quddiem il-Qorti ta'l-Appell permezz ta' liema, ai termini ta'l-artikolu 18(1) tal-Kap 276, interpona appell mill-Ordni mgħoti mill-Qorti Rimandanti u talab ir-revoka ta'l-ordni għat-treġġiegħ lura tiegħu lejn l-Istati Uniti tal-Amerika. F'dan l-istadju l-attur kien assistiet mill-avukati Dr Franco Debono u Dr Arthur Azzopardi. Fir-rikors ta'appell ġew sollevati sitt aġġravji.
- L-appell ġie appuntat għas-smigħ għal nhar it-22 ta' Frar 2024 meta saru s-sottomissjonijiet tal-partijiet u l-appell tħalla għas-sentenza. Waqt dik l-udjenza l-Qorti ivverbalizżat li kien *jidhrilha li għandha tibbaża l-eventwali deċizzjoni tagħha fuq dak li jirriżulta mill-atti proċesswali stante li hija Qorti tal-Appell u mhux Qorti Rimandati.*[10]
- Fis-27 ta'Frar 2024 l-Qorti tal-Appell iddeċidiet l-appell billi, fil-waqt li kkonstatat li skond l-artikolu 15(5) tal-Kap 276 ma jista' jsir l-ebda appell minn deċiżjoni ta' treġġija lura ta' persuna meta dik il-persuna tkun iddikjarat li trid titreġġa lura, għar-raġunijiet minnha imsemmija, għaddiet biex tikkunsidra kull wieħed mill-aġġravji sollevati mill-attur, ċaħdet l-aġġravji kollha sollevati u konsegwentement ċaħdet l-appell u kkonfermat l-ordni mgħoti mill-Qorti Rimandanti.

Illi rappreżentant tar-Reġistratur tal-Qrati Kriminali[11] preżentat l-atti fuq imsemmija: *Il-Pulizija vs Daniel-Joe Meli*, u qalet li hemm pendenti inkjesta maġisterjali li fiha l-attur jista' jkun persuna suspettata.

Illi xehdu l-Ispettur Mario Cuschieri u l-Ispettur Robinson Mifsud, it-tnejn mill-International Relations Office tal-Pulizija, biex jagħtu informazzjoni dwar il-proċeduri ta' estradizzjoni ta'l-attur u fuq mistoqsijiet lilhom magħmula taw informazzjoni ukoll dwar dak li setgħu jikkonstataw huma dwar l-stat ta'l-attur. Xehed ukoll l-Ispettur Antoine Cilia, uffiċjal inkarigat mill-Custody Centre ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, li ta rendikont (flimkien mad-dokumenti relattivi) tal-movimenti kollha tal-attur mill-mument li daħal fil-custody centre sakemm inħareġ biex jittieħed quddiem il-Qorti Rimandanti[12]. L-Ispettur Cilia ta

[10] Mill-atti tal-appell jirriżulta li ma saritx talba formali biex il-Qorti tisma' provi; kien biss fl-istadju tas-sottomissjonijiet li l-avukati tal-partijiet irreferew għal kwistjoni jekk l-attur seta jew ma setghax iressaq provi dwar l-istat mentali tiegħu f'dak l-istadju.
[11] Ix-xhud kienet Marica Mifsud u xehedet f'l-4 ta' April 2024 (Vol I fol 88) u fit-22 ta' April 2024 (Vol II fol 168).
[12] Għandu jiġi rilevat li fir-rigward tal-attur kienu inħarġu żewġ mandati ta' arrest: l-ewwel wieħed apparentement maħrug mill-Magistrat Dr Donatella Frendo Dimech fl-24 ta' Jannar 2024 biex jiġi investigat dwar reati relatati

informazzjoni ukoll dwar x'kura medika u x'mediċini ngħata l-attur sa kemm dam miżmum fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.

Illi tressaq bħala xhud ukoll xhud ukoll Matthew Agius, ġurnalist, biex jagħti informazzjoni dwar artiklu li kiteb dwar il-każ ta' estradizzjoni ta'l-attur u dwar dak li qallu l-Avukat Giglio f'intervista dwar l-intenzjonijiet ta'l-attur fir-rigward tal-proċeduri (ta'estradizzjoni).

Illi aktar minn hekk tressqu diversi professjonisti mediċi inkluż konsulenti psikjatra u tobba tal-familja, li f'xi żmien tul is-snin kien ikkonsulta magħhom l-attur, inkluż ukoll it-tobba u professjonisti li għal raġuni jew oħra ġew f'kunttat mal-attur fil-perjodu kollu li huwa kien miżmum taħt arrest u għalhekk fil-perjodu meta huwa ta il-kunsens tiegħu għall-estradizzjoni tiegħu. L-għan prinċipali ta' dawn ix-xhieda kien li jagħtu informazzjoni dwar l-istat ta' saħħa, b'mod partikolari dik mentali, u l-qagħda psikoloġika ta'l-attur. Tressaq ukoll bħala xhud Dr Martin Bajada, espert nominat f'l-inkjesta fuq imsemmija li ukoll intalab informazzjoni dwar l-istat tal-attur.

## **<u>KUNSIDERAZZJONIJIET</u>**

Illi in suċċint l-attur jikkontendi li waqt is-smigħ miżmum mill-Qorti Rimandanti l-istat mentali tiegħu ma kienx tajjeb b'mod li l-volonta tiegħu ma kenitx ħielsa u għalhekk ma kienx f'pożizzjoni li jaghti l-kunsens għall-estradizzjoni. Permezz tal-proċeduri odjerni l-attur qed isostni li huwa ġarrab ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq protett bl-artikoli 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u dan minħabba:

- il-mod kif ġew kondotti l-proċeduri quddiem il-Qorti Rimandanti;
- il-fatt li l-Qorti ta'l-Appell m'għamlet xejn biex tirrettifika dawn in-nuqqasijiet u minkejja dispożizzjoni ċara tal-liġi li tgħid il-kontra, ċaħdet li tisma' provi ġodda fl-appell; u
- il-fatt li l-artikolu 15(5) tal-Kap 276 jiċħad id-dritt ta' appell.[13]

Illi konsegwentement l-attur qed jitlob dikjarazzjoni f'dan is-sens u qed jitlob ukoll it-tħassir ta'l-ordni mgħoti mill-Qorti Rimandanti u t-tħassir tas-sentenza mgħotija mill-Qorti ta'l-Appell u li jitpoġġa f'l-*istatus quo ante* l-allegata vjolazzjoni.

ma' cyber crime; it-tieni wieħed maħrug fis-6 ta' Frar 2024 mill-Maġistrat Dr Kevan Azzopardi ai fini tat-talba ta' estrdaizzjoni.

[13] Ref Para 20 tan-nota ta' sottomissjonijiet ta'l-attur (Vol II fol 322).

Illi da parti tagħhom l-konvenuti jilqgħu għal dawn it-talbiet billi preliminarjament jeċċepixxu:

- li l-konvenut l-Avukat Ġenerali mhiex leġittimu kontradittur;
- li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma japplikawx fil-kuntest ta' estradizzjoni u ma jiggarantixxux id-dritt ta' appell;
- li dawn il-proċeduri huma biss tentattiv da parti tal-attur li juża din il-Qorti bħala qorti tat-tielet grad; u
- b'referenza għat-talba dwar il-fatt li l-artikolu 15(5) tal-Kpaitolu 276 jipprekludi d-dritt ta' appell fiċ-ċirkostanzi hemm kontemplati, in-nuqqas ta' *victim status*.

Illi fil-mertu jeċepixxu:

- li ma seħħ l-ebda ksur tad-dritt ta'l-attur għal smigħ xieraq;
- li t-talbiet huma fiergħa u vessatorja

Ikkunsidrat

**Legittimu Kuntradittur**

Illi dan premess il-Qorti ser tgħaddi biex tikunsidra l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti permezz ta' liema jgħidu li l-Avukat Ġenerali mhux leġittimu kontrdittur ta' din l-azzjoni għalhekk għandhu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.[14]

Illi f'dan ir-rigward jingħad li skond tagħlim tal-Qorti Kostituzzjonali l-leġittimi kontradditturi f'kawżi fejn jiġi allegat ksur ta' xi dritt kostituzzjonali jinqasmu f'tlett kateġoriji:

> *L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma direttament jew indirettament, responsabbli, għall-kummissjoni jew ommissjoni, ta' xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett mil-liġi. Fit-tieni kategorija huma dawk li għall-ommissjonijiet jew kummissjonijiet tal-persuni ta' l-ewwel kategorija jistgħu jkunu responsabbli biex jagħtu jew jiffornixxu r-rimedji li ssentenza, li takkolji l-lament tal-ksur ta' dritt fundamentali, tissanzjona.* ***It-tielet kategorija mbagħad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawża, meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala' fuq jew waqt xi proċedura ġudizzjarja.***[15]

Illi f'din l-istess sentenza, wara li ssenjalat dawn it-tlett kategoriji, il-Qorti Kostituzzjonali kompliet tgħid:

---

[14] L-attur m'għamel l-ebda sottomissjoni dwar din l-eċċezzjoni.
[15] ***Joseph Abela vs L-Ononrevoli Prim Ministru et***, 7 ta' Diċembru 1990

> *Dawn it-tliet kategoriji ta' persuni huma kollha leġittimi kontraditturi fi proċeduri ta' natura kostituzzjonali, li f'dan ir-rigwarrd ukoll hija speċjali, għaliex biex żgurament ikunu kompiti u effikaċi jirrikjedu l-preżenza ta' persuni, li normalment fi proċeduri ordinarji jitħallew barra, għaliex mingħajrhom il-ġudizzju xorta waħda huwa integru. F'azzjoni ta' natura kostituzzjonali ukoll, il-ġudizzju jkunu integru, jekk il-persuni tieni kategorija jinawew Darra mill-kawża, għalkemm jista' jkunu li l-azzjoni tirriżulta ineffikaċi.*

Illi f'sentenza aktar riċenti mgħotija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kawża f'l-ismijiet ***Dorotea sive Dorothy Darmanin et vs Avukat tal-Istat et***[16] ntqal hekk:

> *Din l-eċċezzjoni titqajjem ta' sikwit f'kawża kostituzzjonali. B'danakollu, hija xorta waħda hija leġittimu kontradittur. Dan peress illi llum il-ġurnata l-leġittimu kontradittur f'kawża "kostituzzjonali" mhux ristrett għal dak li allegatament ikun ikkommetta ksur ta' jedd fundamentali tal-bniedem. Jingħarfu kategoriji differenti ta' persuni li jistgħu jitqiesu bħala leġittimi kuntradditturi f'azzjonijiet kostituzzjonali, prinċipalment:*
> *(a) dawk li jridu jwieġbu direttament jew indirettament għall-għemil li jikser id-dritt fundamentali ta' persuna.*
> *(b) dawk li jridu jagħmlu tajjeb (billi jipprovdu r-rimedju xieraq) għan-nuqqasijiet jew l-għemejjel li bihom ħaddieħor jikser xi jedd fundamentali ta' xi ħadd.*
> *(ċ)* ***dawk il-partijiet kollha li jkunu f'kawża meta kwistjoni ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigħ ta' xi kawża f'qorti.***[17]
> *(d) ma' dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawża, fi żmien iktar riċenti, bdew jiddaħħlu persuni oħrajn bil-għan li jagħmlu sħiħ il-ġudizzju u jagħmluh rappreżentattiv ta' kull interess involut fil-kwistjoni.*

Illi b'applikazzjoni ta' dan it-tagħlim ġurisprudenzjali għall-każ in eżami huwa ċar li l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti għandha tfalli għaliex l-Avukat Ġenerali kien parti f'dawk il-proċeduri ġudizzjarji li dwarha inqalet il-kwistjoni kostituzzjonali li trid tiġi riżolta permezz tal-proċeduri odjerni.

Illi dan jingħad għaliex wieħed mill-ilmenti tal-atturi jirrigwarda l-proċeduri tal-appell f'liema proċeduri l-Avukat Ġenerali deher bħala appellat. La darba l-

[16] Deċiża fid-21 ta' Ġunju 2022, mhux appellata
[17] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.

Avukat Ġenerali kien parti fil-proċeduri huwa għandu dak l-interess meħtieġ biex ikun parti minn dan il-ġudizzju.

Illi għalhekk l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti qed tiġi miċħuda.

Ikkunsidrat

**L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Proċeduri ta' Estradizzjoni**

Illi kif intqal l-attur jikkontendi li huwa soffra ksur tad-dritt għal smigħ xieraq protett kemm permezz tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, dan minħabba l-mod kif ġew kondotti l-proċeduri kemm quddiem il-Qorti Rimandanti u l-Qorti ta' l-Appell u minħabba li skond l-artikolu 15(5) tal-Kap 276 ordni mgħoti mill-Qorti Rimandanti wara li l-persuna konċernata taghti l-kunsens għall-estradizzjoni tagħha ma jistax jiġi appellat. Fil-kors tas-sottomissjonijiet tiegħu u biex issaħħaħ it-teżi tiegħu dwar l-applikabilita ta' dawn l-artikoli l-attur jekwipara proceduri ta' estradizzjoni ma' *pretrial proceedings*.

Illi da parti tagħhom il-konvenuti jikkontendu li l-artikoli tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni invokati mill-attur huma inapplikabbli għall-każ in eżami stante li l-lanjanzi tal-attur huma relatati ma' proċeduri ta' estradizzjoni u konsegwentement mhux reġolati mill-imsemmija artikoli.

Ikkunsidrat

Illi fil-fehma tal-Qorti qabel xejn għandha ssir referenza għal dak li jipprovdu l-imsemmija artikoli għal dak li hu relevanti fil-każ odjern.

Illi l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, fis-subinċiż (1), jipprovdi li:

> *Fid-deċizjoni tad-drittijiet ċivili u ta' l-obbligi tiegħu jew ta' xi* ***akkuza kriminali kontra tiegħu****, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi zmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, ta' l-ordni pubbliku jew tas-sigurta' nazzjonali f'soċjeta` demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorozament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita' tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*[18]

[18] Is-sottolinear huwa tal-Qorti.

Illi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, ukoll fis-subinċiż (1), jipprovdi li:

> *Kull meta xi ħadd ikun* ***akkużat b'reat kriminali*** *huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*[19]

Illi fil-fehma tal-Qorti mit-test tagħhom m'għandu jkun hemm l-ebda dubbju li dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet qed jipprovdu għal dawk is-sitwazzjonijiet meta persuna tkun akkużata b'reati kriminali.

Illi aktar minn hekk għandu jkun ċar ukoll li persuna li għaddejja minn proċess ta' estradizzjoni m'hiex, f'dawk il-proċeduri, qed tiġi akkużata b'reati kriminali, anke jekk l-estradizzjoni intalbet ai fini ta' prosekuzzjoni. Lanqas ma jista' jingħad, kif jikkontendi l-attur, li l-proċess ta' estradizzjoni jista' jiġi ekwiparat ma' *pre-trial stage*.

Illi hekk irrabadiet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza mgħotija fil-kawża ***Angelo Frank Paul Spiteri vs l-Avukat Generali***[20]

> *Din il-Qorti tissenjala l-fatt li l-proċeduri odjerni ma jistgħux jitqiesu bħala pre-trial stage ta' xi proċeduri kriminali li jistgħu eventwalment jittieħdu mill-istat rikjedenti fil-konfront tar-rikorrent stante li l-għan tagħhom mhuwiex li jinizzjaw proċeduri li jistgħu jwasslu għad-determinazzjoni ta' jekk tinħarigx akkuża kriminali fil-konfront tiegħu, u lanqas jistgħu jitqiesu bħala proċeduri investigattivi li jwasslu sabiex ir-rikorrent jiġi mixli l-qorti b'akkużi kriminali. L-għan tal-proċeduri quddiem il-qorti rimandanti huwa limitat biss għad-deteriminazzjoni tal-vertenza jekk dik il-Qorti għandhiex toħrog ordni ta' estradizzjoni lejn l-istat rikjedenti ... ... Ghaldaqstant l-ewwel Qorti kienet korretta fil-konkluzjoni tagħha li f'dan il-kaz ma jistax jikkonfigura leżjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.*

Illi l-istess ingħad fis-sentenza aktar riċenti tal-istess Qorti Kostituzzjonali fil-kawża ***Christopher Guest More vs The Attorney General***[21]***:***

> *38. In extradition proceedings the Court is not establishing the innocence or guilt of the requested person.*
> … …

---

[19] Is-sottolinear huwa tal-Qorti.
[20] Deciża 13 ta' Ġunju 2017.
[21] Deċiża 27 ta' Marzu 2020.

> *40. The extradition proceedings do not involve the determination of a criminal charge. In this respect reference is made to the case of Trabelsi vs Belgium (Application no 140/2010) decided on the 4th September, 2014 wherein the European Court of Human Rights stated:-*
>
> > *"160. The Court reiterates that extradition proceedings do not involve determining an applicant's civil rights and obligations and do not relate to the merits of any criminal charge against him or her within the meaning of Article 6 § 1 of the Convention (see Raf v. Spain (dec.), no. 53652/00, 21 November 2000; Peñafiel Salgado v. Spain (dec.), no. 65964/01, 16 April 2002; Sardinas Albo v. Italy (dec.), no. 56271/00, ECHR 2004-I; Cipriani v. Italy (dec.), no. 22142/07, 30 March 2010; and Schuchter, decision cited above).*
> >
> > *Therefore Article 6 § 1 of the Convention is inapplicable to the impugned extradition proceedings. "161. Consequently, this part of the application is incompatible ratione materiae with the provisions of the Convention, within the meaning of Article 35 § 3 a), and must be dismissed in pursuance of Article 35 § 4".*

Ikkunsidrat

Illi din il-Qorti tirrikonoxxi li l-ġurisprudenza domestika dwar l-applikabilita o meno tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni għal proċeduri ta' estradizzjoni mhiex kompletament uniformi. Il-konvenuti ukoll fil-fatt jirikonoxxu li kien hemm xi żmien meta l-Qrati estendew l-applikabilita ta' dawn l-artikoli anke għal każijiet ta' estradizzjoni pero jinsistu li l-preponderanza tas-sentenzi in tema, u żġur dawk l-aktar reċenti, jikkonfermaw l-inapplikabilita, kif del resto konfermat fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (il-QEDB). L-attur da parti tiegħu jirreferi għal dawk is-sentenzi li jagħtu komfort lit-teżi tiegħu u jinsisti li dawn jaghtu interpretazzjoni korretta tal-pożizzjoni legali.

Illi dwar il-kunflitt fil-ġurisprudenza domestika l-Qorti esprimiet ruħha din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kawża fl-ismijiet ***Sebastiano Brunno vs L-Avukat Ġenerali et***[22]; intqal hekk:

> *Il-posizzjoni tal-intimati hija cara u tikkonsisti filli l-proceduri ta' estradizzjoni ma jikkoncernaw l-ebda determinazzjoni ta' akkuza u ghalhekk huma eskluzi mill-ambitu tal-artikolu 39 (u tal-artikolu 6) u li*

[22] Deċiża fit-3 ta' Diċembru 2015.

*s-sentenzi ccitati mir-rikorrenti ddipartixxu mill-gurisprudenza kostanti tal-Qorti Ewropea.*

*Ir-rizoluzzjoni ta' dan il-konflitt apparenti gie spjegat mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ewwel sentenza Colin John Trundell v On. Ministru ta' l-Affarijiet Barranin (12.4.1991) b'riferenza ghall-artikolu 16 tal-Kap.276 li tobbliga lill-Qorti rimandanti biex tgharraf lill-persuna li ser tinbaghat (hekk kif ghamlet il-Qorti tal-Magistrati (Malta) f'dan il-kaz), mhux biss li tista' tappella lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, imma li dik il-persuna ghandha l-jedd li titlob rimedju skont id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni f'kaz li xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta tkun giet jew x'aktarx tkun ser tigi miksura. B'emmenda sussegwenti, giet mizjuda r-riferenza ghall-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319).*

*Din kienet it-tezi abbraccjata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz ta' Ronald Agius v AG gja citata, fejn il-Qorti osservat li l-ligi specjali (Kap 276) tipprovdi ghall-verifika gudizzjarja tat-talba ghall-estradizzjoni u kkonkludiet li "l-persuna li kontra taghha qed tintalab l-estradizzjoni tgawdi mill-protezzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali ghal smigh xieraq fil-kors tal-proceduri <u>li ghaliha hi kienet skont il-ligi intitolata</u>" (sottolinear tal-Q.K.)*

*F'din l-ahhar sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali kkonsidrat, inoltre li:*

*"Din il-Qorti taghmel rikjam ghal dak li kkunsidrat fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet "Anthony Satariano vs Avukat Generali et" minnha deciza fit-28 ta' Novembru 1997 fejn irriteniet 'Infatti din il-Qorti, minghajr ebda ezitazzjoni ta' xejn, filwaqt illi hija ben konxja illi l-kuncett ta' estradizzjoni storikament kien essenzjalment process ezekuttiv u mhux wiehed gudizzjarju u f'certu sens kien espressjoni ta' 'act of state', cioe' espressjoni ta' sovranita' ta' Stat li lilu ssir talba ghal estradizzjoni, maz-zmien intlibbes vesti mista ta' ezekuttiv u gjudizzjarju flimkien, fissens illi llum, prattikament hija l-prattika universali, del resto inkorporata fil-Kostituzzjoni taghna illi ghandu jkun hemm dejjem proceduri gudizzjarji stabbiliti 'ad hoc' illi ghandhom jigu segwiti bhala l-process ordinarju biex tigi akkordata talba ghal estradizzjoni minn Stat iehor. …….. Illum huwa inkoncepibbli, anki ghax il-Kostituzzjoni tipprojbih, illi jkun hemm estradizzjoni deciza mill-Istat minghajr il-process gudizzjarju li ghandu jistabbilixxi qabel kollox li jokkorru l-elementi kostituttivi tal-ligi li jiggustifikaw li ssir l-estradizzjoni.Il-persuna li kontra taghha jintalab ilhrug ta' ordni ta' estradizzjoni kellha allura d-dritt sostantiv illi tuzufruwixxi u tghaddi minn dawn il-proceduri gudizzjarji. Proceduri*

*gudizzjarji li certament kellhom jizvolgu fir-rispett shih ta' garanzija kostituzzjonali u konvenzjonali fir-rigward ta' smigh xieraq. "*

***Illi din il-Qorti frankament ma taqbilx mat-tezi tar-rikorrenti u mal-linja hawn imfissra, ghaliex diment li l-legislatur ma jiddistingwixxix b'mod car u espress li qed iwarrab it-tifsira tal-kliem testwali u inekwivoci fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni, ma tistax tikkonkludi li l-artikolu 16 ghandu jigi kostruwit fis-sens li dawn l-artikoli (39 u 6) jistghu japplikaw fejn m'ghandhomx, u sahansitra kontra s-sens u t-tifsira ordinarja tal-kliem testwali taghhom[23].***

*Difatti dan l-artikolu ġie mfisser mill-Qrati tagħna bħala li japplika biss fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti li, fl-għeluq ta' dak il-proċediment, tista' tasal biex tagħti deċiżjoni li tiddetermina l-ħtija jew in-nuqqas ta' ħtija tal-persuna akkużata. Il-proceduri ghall-estradizzjoni ta' persuna lejn pajjiz iehor ma jaqawx f'din il-kategorija.*

Illi dan il-ħsieb, li din il-Qorti tqabel miegħu u tagħmlu tagħha, huwa rifless f'sentenzi sussegwenti tal-qrati tagħna, bħal **Angelo Frank Paul Spiteri vs l-Avukat Generali** u **Christopher Guest More vs The Attorney Generali** fuq ċitati u sentenzi ohrajn bħal **John Spiteri vs L-Avukat tal-Istat** (Rikors Numru 502/22TA) [24] **, John Spiteri vs L-Avukat tal-Istat** (Rikors Numru 372/2022FDP)[25]**,** u **Ledjan Brakaj vs L-Avukat tal-Istat et**[26].

Illi għal kull bon fini l-Qorti tfakkar li l-lanjanzi ta'l-attur fil-każ in eżami mhumiex limitati għall-mod kif ġew kondotti l-proċeduri quddiem il-Qorti Rimandanti u l-Qorti ta'l-Appell imma anke dwar l-artikolu 15(5) tal-Kapitolu 276. Huwa relevanti li fil-kawża **Angelo Frank Paul Spiteri vs L-Avukat tal-Istat** il-lanjanza kienet dwar dispożizzjoni partikolari tal-Kap 276 [27] u l-applikazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni f'dak il-każ partikolari aktar milli dwar il-mod kif ġew kondotti l-proċeduri ta' estradizzjoni. Kif intqal anke f'dak il-każ ġie deċiż li l-artikoli 6 tal-Konvenzjoni u 39 tal-Kostituzzjoni ma kienux applikabbli.

Ikkunsidrat

Illi f'dan l-istadju jkun opportun li ssir referenza għall-pożizzjoni tal-QEDB dwar l-inapplikabilita ta'l-artikolu 6 għal każijiet ta' estradizzjoni.

---

[23] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.
[24] Prim' Awla Sede Kostituzzjonali 18 ta' Jannar 2024.
[25] Prim' Awla Sede Kostituzzjonali 28 ta' Frar 2024.
[26] Prim' Awla Sede Kostituzzjonali 9 ta' Mejju 2024.
[27] F'dak il-każ l-artikoli 15(3) u 17.

Illi fil-***Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights (criminal limb)***[28] jemerġi b'l-aktar mod ċar u inekwivoku li skond ġurisprudenza tal-QEDB:

> *49. Procedures for the expulsion of aliens do not fall under the criminal head of Article 6, notwithstanding the fact that they may be brought in the context of criminal proceedings (Maaouia v. France [GC], 2000, § 39). The same exclusionary approach applies to extradition proceedings (Peñafiel Salgado v. Spain (dec.), 2002) or proceedings relating to the European arrest warrant (Monedero Angora v. Spain (dec.), 2008).*

Illi l-unika eċċezzjoni li tagħmel il-QEDB għal din ir-regola hija meta jkun hemm riskju li l-persuna li tkun ser titreġġa lura issofri *a flagrant denial of a fair trial* fil-pajjiż fejn ser titreġġa lura. Fl-istess Guide to Article 6 fil-fatt jingħad:

> *589. According to the Court's case-law, however, an issue might* ***exceptionally*** *arise under Article 6 as a result of an extradition or expulsion decision in circumstances where the individual would risk suffering a flagrant denial of a fair trial, i.e. a flagrant denial of justice, in the requesting country. This principle was first set out in Soering v. the United Kingdom (1989, § 113) and has subsequently been confirmed by the Court in a number of cases (Mamatkulov and Askarov v. Turkey [GC], 2005, §§ 90- 91; Al-Saadoon and Mufdhi v. the United Kingdom, 2010, § 149; Ahorugeze v. Sweden, 2011, § 115; Othman (Abu Qatada) v. the United Kingdom, 2012, § 258).*
>
> *590. The term "flagrant denial of justice" has been considered synonymous with a trial which is manifestly contrary to the provisions of Article 6 or the principles embodied therein (Sejdovic v. Italy [GC], 2006, § 84; Stoichkov v. Bulgaria, 2005, § 56; Drozd and Janousek v. France and Spain, 1992, § 110). Although it has not yet been required to define the term in more precise terms, the Court has nonetheless indicated that certain forms of unfairness could amount to a flagrant denial of justice. These have included:*
> ♣ *conviction in absentia with no subsequent possibility of a fresh determination of the merits of the charge (Einhorn v. France (dec.), 2001, § 33; Sejdovic v. Italy [GC], 2006, § 84; Stoichkov v. Bulgaria, 2005, § 56);*
> ♣ *a trial which is summary in nature and conducted with a total disregard for the rights of the defence (Bader and Kanbor v. Sweden, 2005, § 47);*

[28] QEDB maħruġ fid-29 ta' Frar 2024.

> ♣ *detention without any access to an independent and impartial tribunal to have the legality of the detention reviewed (Al-Moayad v. Germany (dec.), 2007, § 101);*
> ♣ *deliberate and systematic refusal of access to a lawyer, especially for an individual detained in a foreign country (ibid.);*
> ♣ *use in criminal proceedings of statements obtained as a result of a suspect's or another person's treatment in breach of Article 3 (Othman (Abu Qatada) v. the United Kingdom, 2012, § 267; El Haski v. Belgium, 2012, § 85);*
> ♣ *trial before a military commission that did not offer guarantees of impartiality of independence of the executive, did not have legitimacy under national and international law where a sufficiently high probability existed of admission of evidence obtained under torture in trials before the commission (Al Nashiri v. Poland, 2014, §§ 565-569; Husayn (Abu Zubaydah) v. Poland, 2014, §§ 555-561; Al Nashiri v. Romania, 2018, §§ 719-722). 591.*
>
> ***It took over twenty years from the Soering v. the United Kingdom (1989) judgment** – that is, until the Court's 2012 ruling in the case of Othman (Abu Qatada) v. the United Kingdom, 2012– **for the Court to find for the first time that an extradition or expulsion would in fact violate Article 6. This indicates**, as is also demonstrated by the examples given in the preceding paragraph, **that the "flagrant denial of justice" test is a stringent one.** A flagrant denial of justice goes beyond mere irregularities or lack of safeguards in the trial proceedings such as might result in a breach of Article 6 if occurring within the Contracting State itself. What is required is a breach of the principles of a fair trial guaranteed by Article 6 which is so fundamental as to amount to a nullification, or destruction of the very essence, of the right guaranteed by that Article (Ahorugeze v. Sweden, 2011, § 115; Othman (Abu Qatada) v. the United Kingdom, 2012, § 260).*[29]

Illi l-istess jgħidu l-awturi:

- **Harris, O'Boyle, and Warbrick: Law of the European Convention on Human Rights (5th Edn)**:

> *The rights guaranteed by Article 6 apply when a 'criminal charge' is being determined. It does not extend to ancillary matters relevant to criminal proceedings that are not determinative of a pending 'charge' against the applicant, … … … Extradition proceedings to*

[29] Is-sottolinear huwa kollu ta' din il-Qorti.

*face a criminal charge in another state are not subject to Article 6 [Mamatkulov and Askarov v Turkey Nos 46827/99 and 46951/99 (2005) GC]. Nor are proceedings concerning the transfer of a convicted prisoner abroad [Szabó v Sweden No 28578/03 (2006) DA. For an exception, see Buijen v Germany No 27804/05 (2010)], or the execution of a European Arrest Warrant [Monedero Angora v Spain No 41138/05 (2008) DA].*[30]

… … …

*Although Article 6 applies only to a contracting party's own judicial system, it extends beyond that in the sense that a court of a contracting party that is called upon to confirm or execute a judgment of a court of another state that is not a party to the Convention must ensure that the foreign judgment concerned is the result of a fair trial in accordance with Article 6 [Pellegrini v Italy No 30882/96 (2001) (Vatican City court judgment annulling marriage)].*

*Article 6 has a further extra-territorial application in that it is a breach of Article 6 to deport or extradite an individual to another state where there are 'substantial grounds for believing that … he would be exposed to a real risk of being subjected to a flagrant denial of justice'. [Othman (Abu Qatada) v UK No 8139/09 (2012) para 261. See also Soering v UK No 14038/88 (1989) para 113 PC and Mamatkulov and Askarov v Turkey Nos 46827/99 and 46951/99 (2005) GC. Where an individual has already been returned, the existence of a 'flagrant denial' is to be assessed in the light of what the sending state knew or ought to have known at the time of the return: Al-Saadoon and Mufdhi v UK No 61498/08 (2010).]*[31]

- **Dovydas Vitkauskas, Grigoriy Dikov: Protecting the Right to a Fair Trial under the European Convention on Human Rights: A handbook for legal practitioners (2nd edn)**:

*While Article 6 does not apply to extradition (or deportation) proceedings, at least in theory, "the risk of a flagrant denial of justice in the country of destination … which the Contracting State knew or should have known" may give rise to a positive obligation of the state under Article 6 not to extradite (Mamatkulov and Askarov v. Turkey [GC], §§81-91).*[32]

[30] Paġna 379/380.
[31] Paġna 379.
[32] Paġna 24.

> … … …
>
> *The Court's case law has recognised that the risk of flagrant denial of a fair trial abroad imposes a positive obligation under Article 6 on a state not to expel or extradite an applicant suspected of a criminal offence (Mamatkulov and Askarov).*
>
> *At the same time, the burden and standard of proof on the applicant to demonstrate that risk is very exacting. In Mamatkulov and Askarov the applicants' removal to Uzbekistan was not found to involve a breach of Article 6 by Turkey, despite the fact that the applicants were eventually convicted in Uzbekistan without having access to a lawyer and in closed proceedings.*
>
> *Where an applicant faces extradition to another country which is a contracting party to the Convention, the presumption is that the person will receive a fair trial, given in particular the existence of remedies against any eventual unfairness in that country, including a possible application to the European Convention of Human Rights (Stapleton v. Ireland, dec.).*
>
> *The Court found a violation of Article 6 under this heading, for the first time, in a deportation context in Othman (Abu Qatada) v. the United Kingdom §§258-287) by reference to the risk of admission of inculpating evidence at the possible future retrial of the applicant obtained by torture of third persons in Jordan. The test of risk of flagrant denial of justice goes beyond mere irregularities or lack of safeguards in the trial procedures, such as those that might occur within a Convention state. What is required is a breach of the principles of fair trial 47. See also above, Section 5.2.1, Oral hearing and personal presence; and Section 5.2.2, Effective participation. 48. See also above, Section 5.3.1, Entrapment defence. Fairness Page 97 that is so fundamental as to amount to nullification, or destruction of the very essence, of the rights guaranteed by Article 6 (Othman (Abu Qatada), §260)*[33].

Illi minn dan m'għandu jkun hemm l-ebda dubbju dwar l-inapplikabilita ta'l-artikolu 6 għal każijiet ta' estradizzjoni u li l-unika eċċezzjoni tista' ssir meta jkun hemm riskju serju li fil-pajjiż fejn il-persuna konċernata ser titreġġa lura dik il-persuna ser issofri *flagrant denial of justice* billi tkun assoġġettata għal proċess gudizzjarju li  manifestament imur kontra dak li jipprovdi l-artikolu 6. F'dan ir-

---

[33] Paġna 97.

rigward jiġi rilevat li l-attur mhux qed jallega li jekk jintbagħat fl-Istati Uniti ta' l-Amerika ser ikun hemm riskju bħal dak hawn imsemmi.

Illi tent kont tas-suespost il-konvenuti għandhom raġun f'l-eċċezzjonijiet tagħhom li l-artikoli 6 tal-Konvenzjoni u 39 tal-Kostituzzjoni mhux applikabbli għal każijiet ta' estradizzjoni. Il-Qorti għalhekk ser tilqa l-eċċezzjonijiet issa in eżami u ċioe t-tieni eċċezzjoni sollevata fir-risposta u l-ewwel eċċezzjoni sollevata fir-risposta ulterjuri tal-konvenuti.

Ikkunsidrat

Illi la darba l-eċċezzjonijiet appena kkunsidrati ġew milqugħa l-Qorti neċessarjament għandha tiċħad it-taltbiet ta'l-attur; minkejja dan hija tal-fehma li għandha tagħmel xi osservazzjonijiet ukoll dwar it-tielet eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti fir-risposta ulterjuri tagħhom u ċioe dik dwar in-nuqqas ta' victim status u dan b'referenza għat-tielet talba tal-attur dwar l-artikolu 15(5) tal-Kapitolu 276.

Illi huwa ben stabbilit li biex persuna tagħmel kawża dwar ksur ta' drittijiet fundamentali huwa neċessarju li jintwera li dik il-persuna għandha *victim status*. Il-Qorti Kostituzzjonali pronunzjat ruħha diversi drabi dwar dan. Fis-sentenza mgħotija fil-kawża ***Avukat Dottor Anna Mallia vs Il-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura et***[34] intqal hekk:

> *33. … … l-istat ta' "vittma" mhux marbut mal-element tradizzjonali tal-attwalità tal-interess f'dak li jirrigwarda l-ksur tal-jedd fundamentali – għaliex il-Kostituzzjoni tagħraf jedd ta' azzjoni wkoll favur persuna li xi jedd fundamentali tagħha "tkun ser tiġi miksura dwarha".* ***Minkejja dan, mill-kliem tal-Kostituzzjoni nnifisha joħroġ ċar li l-persuna li tressaq azzjoni ta' lment dwar ksur ta' jedd fundamentali hija mogħtija li tagħmel dan għaliex il-ksur ikun jolqot lilha jew x'aktarx ("likely") jolqot lilha****, u għalhekk mhux mogħti li azzjoni titressaq validament fejn il-ksur ma jolqotx lill-persuna li tkun jew fejn għandha mnejn li xi darba tintlaqat.*

U fis-sentenza mgħotija fil-kawża ***Onor Simon Busuttil vs L-Avukat Ġenerali et***[35] intqal hekk:

> *19. Dan ifisser illi min iressaq azzjoni dwar drittijiet fondamentali jrid juri li huwa dritt tiegħu li sejjer jinkiser, jew x'aktarx sejjer jinkiser, bl-għemil li dwaru jsir l-ilment. Fi kliem ieħor, irid juri interess ġuridiku*

[34] Deċiża 26 ta' Jannar 2024.
[35] Deċiża 29 ta' Ottubru 2018.

*jew – fl-lingwaġġ tal-ġurisprudenza dwar il-Konvenzjoni – li huwa "vittma", għax, kif wara kollox sewwa qalet l-ewwel qorti, din tallum ma hijiex actio popularis.*

Illi dwar il-Konvenzjoni u l-ħtieġa li applikant juri li għandu *victim status:*

*24. The Court (il-QEDB) has consistently held that the Convention does not provide for the institution of an actio popularis and that its task is not normally to review the relevant law and practice in abstracto, but to determine whether the manner in which they were applied to or affected the applicant gave rise to a violation of the Convention (for example, Roman Zakharov v. Russia [GC], 2015, § 164).*

*46. Article 34 of the Convention does not allow complaints in abstracto alleging a violation of the Convention (Centre for Legal Resources on behalf of Valentin Câmpeanu v. Romania [GC], 2014, § 101 and the references cited therein).*

*49. The Court has also underlined that* ***the Convention does not*** *envisage the bringing of an actio popularis for the interpretation of the rights it contains or* ***permit individuals to complain about a provision of a domestic law simply because they consider, without having been directly affected by it, that it may contravene the Convention*** *(Aksu v. Turkey [GC], 2012, § 50; Burden v. the United Kingdom [GC], 2008, § 33; Dimitras and Others v. Greece (dec.), 2017, §§ 28-32; Cordella and Others v. Italy, 2019, § 100; Kalfagiannis and Pospert v. Greece (dec.), 2020, § 46).* [36]

Illi għalkemm l-attur jilmenta li l-artikolu 15(5) tal-Kapitolu 276 huwa leżiv tad-dritt tiegħu għal smigħ xireraq għaliex skond dik id-dispożizzjoni persuna bħalu, li tat il-kunsens għall-estradizzjoni, m'għandhiex id-dritt li tappella mill-Ordni ta' treġġija lura, huwa fil-fatt apppella minn dak l-Ordni. Mhux talli preżenta l-appell tiegħu minkejja li ma kellux d-dritt li jagħmel hekk, imma l-Qorti tal-Appell semgħet l-appell, ikkunsidrat kull wieħed mill-aggravji minnu mressqa u ddeċiediet kull wieħed minn dawn l-aggravji. F'dawn iċ-ċirkostanzi ma jistax jingħad li l-attur ġie milqgħut (direttament jew indirettament) minn dik id-dispożizzjoni għaliex irrispettivament minn dak li jipprovdi l-artikolu 15(5) hu ma ġiex imċaħħad mid-dritt ta' appell. F'dawn iċ-ċirkostanzi ma jistax jingħad li għandu *victim status* għaliex huwa ma ġiex milqut minn din id-dispożizzjoni. Għalhekk il-konvenuti għandhom raġun ukoll f'din l-eċċezzjoni u t-tielet talba ta'l-attur ma tistax tirnexxi anke għal din ir-raġuni.

[36] QEDB ***Practical Guide on Admissibility Criteria*** edizjoni tal-31 ta' Awwissu 2023.

Għal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti sollevata fir-risposta tagħhom fit-13 ta' Marzu, 2024, tilqa' t-tieni eċċezzjoni sollevata fir-risposta tat-13 ta' Marzu 2024 u l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet sollevati fir-risposta ulterjuri tat-2 ta' April 2024 u konsegwentement tiċħad it-talbiet kollha ta'l-attur b'l-ispejjez kontra tiegħu.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**